**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 218/2024VG**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/2024 fl-ismijiet:**

**Dala Holdings Limited u KEG Limited**

**Vs**

**B4 Textiles Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mis-soċjetà B4 Textiles Company Limited fid-9 ta' Ottubru 2024 permezz ta' liema titlob li l-Qorti: (i) bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrevoka u tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/2024 fl-ismijiet "Dala Holdings Limited et v. B4 Textiles Company Limited", u tawtorizza lis-soċjetà B4 Textiles Company Limited tiżbanka kwalunkwe ammont li ġie depożitat fl-atti ta' tali Mandat; (ii) tapplika d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 836(8)(b) u/jew (ċ) u/jew (d) fil-konfront tas-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited, u tikkundannahom għall-ħlas ta' penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux iżjed minn €6,988.12; (iii) fin-nuqqas li jiġu milqugħa l-ewwel u t-tieni talba, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lis-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited sabiex jagħtu, fi żmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni w imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju; (iv) tordna lis-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited ibagħtu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inkluż kwalunkwe spejjeż bankarji u legali li s-soċjetà B4 Textiles Company Limited sofriet minħabba l-preżentata tal-Mandat in kwistjoni;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited markati Dok. "A" sa' Dok. "F" a fol. 4 sa' 53 tal-proċess;

Rat ir-Risposta tas-soċjetà Dala Holdings Limited permezz ta' liema topponi għat-talbiet tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited u titlob li a bażi tar-raġunijiet mogħtija fir-Risposta dawn jiġu miċħuda;

Rat li s-soċjetà KEG Limited, għad illi notifikata bir-Rikors tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited[1], ma resqitx Risposta entro t-terminu prefiss;

Rat li waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2024, id-Difensuri tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited u tas-soċjetà Dala Holdings Limited iddikjaraw li għajr għal dak li jirriżulta mir-Rikors u mir-Risposta, dwar il-fatti ma hemmx provi ulterjuri x'jitressqu;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-Difensuri tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited u tas-soċjetà Dala Holdings Limited;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/2024 fl-ismijiet "Dala Holdings Limited et v. B4 Textiles Company Limited";

Rat l-atti kollha tal-proċeduri;

**Ikkunsidrat:**

Fit-30 ta' Settembru 2024, is-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited ottjenew fil-konfront tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/2024 sabiex jikkawtelaw is-somma ta' €15,000 rappreżentanti ammont dovut minn B4 Textiles Company Limited lilhom rappreżentanti l-bilanċ ta' €15,000 fuq depożitu akkont li kien miżmum għand in-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman.

Bir-Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2024, is-soċjetà B4 Textiles Limited titlob li l-Qorti: (i) bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrevoka u tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/2024 fl-ismijiet "Dala Holdings Limited et v. B4 Textiles Company Limited", u tawtorizza lis-soċjetà B4 Textiles Company Limited tiżbanka kwalunkwe ammont li ġie depożitat fl-atti ta' tali Mandat; (ii) tapplika d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 836(8)(b) u/jew (ċ) u/jew (d) fil-konfront tas-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited, u tikkundannahom għall-ħlas ta' penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux iżjed minn €6,988.12; (iii) fin-nuqqas li jiġu milqugħa l-ewwel u t-tieni talba, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lis-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited sabiex jagħtu, fi żmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni w imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju; (iv) tordna lis-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited ibagħtu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inkluż kwalunkwe spejjeż bankarji u legali li is-soċjetà B4 Textiles Company Limited sofriet minħabba l-preżentata tal-Mandat in kwistjoni.

L-imsemmija soċjetà tibbaża t-talbiet tagħha fuq is-segwenti premessi: (i) *l-intimat* (ossia s-soċjetà B4 Textiles Company Limited) *għandu titolu eżekuttiv fil-konfront ta' ċerta David Mifsud* - liema titolu eżekuttiv huwa nascenti minn Ittra Uffiċjali bin-Numru 1623/2023 ai termini ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, in forza ta' liema ġiet reża eżekuttiva kambjala ffirmata minn David Mifsud a favur B4 Textiles Company Limited għall-valur ta' €8,400[2]. *Illi fil-5 ta' Marzu 2024 l-intimat ippreżenta Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv kontra David Mifsud li għandu n-numru*

[1] Ara notifika a fol. 61 tal-proċess.

[2] Dok. "A" a fol. 4 sa' 16 tal-proċess.

*505/2024*[3]*. Illi sussegwentement l-intimat sar jaf li David Mifsud kien qiegħed ibiegħ immobbli fejn rċieva depożitu akkont tal-prezz li nżammu għand in-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman. Illi għalhekk fit-3 ta' Mejju 2024, l-intimat ippreżenta Rikors fl-atti tal-Mandat 505/2024 fejn spjega ċ-ċirkostanzi, annetta l-konvenju u talab biex tiżdied in-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman mal-lista ta' sekwestrtarji u permezz ta' Digriet datat 9 ta' Mejju 2024, din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba u n-Nutar tpoġġiet mal-lista tas-sekwestratarji*[4]*. Illi permezz ta' Ċedola 2177/2024, in-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman iddepożitat fl-atti tal-Mandat 505/2024 il-flus tad-depożitu ta' David Mifsud li kienu jinsabu għandha*[5]*. Illi fis-27 ta' Settembru 2024, ir-Rikorrenti* (ossia s-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited)*, qua xerrejja ta' l-immobbli ta' David Mifsud, ippreżentaw il-Mandat ta' Sekwestru odjern flimkien ma' Ittra Uffiċjali 2251/2024 li tgħid: "permezz tal-preżenti Dala Holdings u KEG Limited jinterpellawk sabiex tħallashom is-somma ta' €15,000 rappreżentanti depożitu akkont li kien miżmum għand in-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman u dan sabiex jiġi liberament mogħti lil David Mifsud wara li jsir il-kuntratt ta' bejgħ finali ta' proprjetà li l-esponenti ser jakkwistaw mingħandu…"*[6]*. Illi l-argumenti tar-rikorrenti, anke fuq livell prima facie m'għandhom xejn mis-sew għaliex fl-ewwel lok fi kliemhom stess jikkonfermaw li huma m'għandhom l-ebda interess ġuridiku ma' l-intimat, fit-tieni lok l-intimat għandu l-jedd li jissekwestra flus David Mifsud in sodisfazzjoni tat-titolu eżekuttiv li għandu, jinsabu fejn jinsabu flus id-debitur, u dan kif debitament awtorizzat minn din l-istess Onorabbli Qorti, fit-tielet lok l-azzjoni ta' l-intimat kontra David Mifsud ma ppreġudikat bl-ebda mod in-negozju bejn ir-rikorrenti u David Mifsud dwar ix-xiri u bejgħ ta' l-immobbli. Illi għalhekk huwa manifest li l-mandat ta' sekwestru odjern ġie ppreżentat b'mod fieragħ u vessatorju, b'imprudenza u traskuraġni kbira u b'abbuż sfaċċat tal-proċeduri ġudizzjarji. Illi din l-Onorabbli Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi, u dan għaliex il-penali maħsuba fl-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.*

Is-soċjetà Dala Holdings Limited - stranament is-soċjetà KEG Limited ma ppreżentatx Risposta għar-Rikors tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited - topponi għat-talba tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited u titlob li l-istess jiġu miċħuda stante li: *is-sorte ta' €15,000 jirrelata mad-depożitu akkont li kien miżmum għand in-nutar Rebecca Janelle Berry Wellman u dan sabiex jiġi liberament mogħti lil David Mifsud wara li jsir il-kuntratt ta' bejgħ finali ta' proprjetà li l-esponenti ser jakkwistaw mingħandu. Illi minkejja sad-data tal-kuntratt, il-fondi in kwistjoni ma kienux proprjetà ta' David Mifsud, li huwa debitur tas-soċjetà B4 Textiles, imma tas-soċjetajiet esponenti, is-sekwestrati xorta waħda b'mod abbużiv, illegali u saħansitra b'theddid ta' proċeduri kontra l-istess Nutar, ġegħlu lin-Nutar tiddepożita l-ammonti favur tagħhom li ma kienux proprjetà ta' David Mifsud imma tas-soċjetajiet attriċi u għalhekk dawn is-sommom ta' flus għandhom jiġu ritornati lill-atturi. Illi dan huwa aktar pertinenti meta wieħed jikkunsidra illi l-bejgħ in kwistjoni ma sarx biss minħabba raġunijiet purament imputabbli lill-imsemmi David Mifsud u preżentement hemm proċeduri pendenti bejn il-partijiet għall-esekuzzjoni ta' l-istess konvenju quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili bin-Numru 334/2023. Illi dawn il-*

---

[3] Dok. "B" a fol. 18 sa' 21 tal-proċess.

[4] Dok. "C" a fol. 22 sa' 43 tal-proċess u Dok. "D" a fol. 44 tal-proċess.

[5] Dok. "E" a fol. 50 u 51 tal-proċess.

[6] Dok. "F" a fol. 52 u 53 tal-proċess.

*€15,000 qatt ma misshom ġew f'idejn David Mifsud stante li l-att finali tal-bejgħ għadu ma ġiex iffirmat u sussegwentement ippubblikat. Semmai, it-trasferiment lil David Mifsud missu sar wara li jsir il-kuntratt ta' bejgħ finali hekk kif kien miftiehem bejn il-partijiet. Oltre minn hekk, il-€15,000 ġew trasferiti qabel iż-żmien xieraq konsegwenza ta' theddid abbużiv tramite l-avukat ta' David Mifsud, Dr. Joseph Borda, li personalment hedded lin-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman talli ser jirrapportaha lill-Kamra tan-Nutara sabiex jitteħdilha l-Warrant jekk it-trasferiment ta' l-imsemmi €15,000 ma jsirx favur David Mifsud. Illi n-Nutar, wara t-theddid kontinwu tas-soċjetà intimata, beżgħet u kkonformat mat-theddid tas-soċjetà intimata, tramite l-avukat tagħha. Illi allura huwa ovvju li hemm kull interess ġuridiku meta depożitu li tipikament jibqa' man-Nutar sakemm jiġi ffirmat l-att finali tal-bejgħ, u li kien kontrattwalment miftiehem li jibqa' miżmum għand in-Nutar sa' wara li jsir l-att finali, ġie trasferit mingħajr ma giet sodisfatta din l-istess kundizzjoni għaliex dan it-trasferiment intempestiv sar tramite s-soċjetà intimata. Illi għalhekk, is-soċjetà esponenti sofriet danni ta' €15,000, u ser tkompli ssofrihom gialadarba hija għadha ma tħallsitx sal-ġurnata ta' llum. Kontrarjament ta' dak sostnut mis-soċjetà intimata, is-soċjetà esponenti għandha kull interess ġuridiku sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tagħhom gialadarba dan id-depożitu ġie trasferit intempestivament b'manuvri malizjużi ta' l-istess soċjetà intimata u l-avukat tagħhom. ... Illi fir-Rikors tas-sekwestrati, l-argumenti tagħhom huma totalment irriti gialadarba s-sekwestranti esponenti qegħdin juru b'mod ċar in-neċessità għall-mandat odjern u dan għaliex depożitu ta' €15,000, li tajjeb ngħidu hija somma considerevoli, b'konsegwenza ta' theddid u abbuż professjonali da parti tas-soċjetà sekwestrata, ġie intempestivament mogħti lil terzi, li fuqhom, għall-inqas fil-punt meta sar it-trasferiment, ma kellhom l-ebda dritt. Illi d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 836(1)(d) isostnu li jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv, is-sekwestrat jista' jagħmel rikors lill-Qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu. Illi fil-mandat odjern, dan l-ammont huwa ċertament prima facie ġustifikat u mhux eċċessiv stante li d-depożitu ta' €15,000 sar, kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża. ... Illi s-subartikolu (f), li fuqu s-sekwestrat qiegħed jibbaża t-talba tiegħu, jgħid kif jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Illi fil-mandat odjern, ma kien hemm l-ebda bdil fiċ-ċirkostanzi li jimmerita r-revoka tiegħu. Is-soċjetà esponenti għandha kull dritt tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha gialadarba s-soċjetà sekwestrata, b'mod illegali u abbużiv tramite l-avukat tagħhom, ġegħlet lin-Nutar tittrasferixxi flus is-soċjetà esponenti lil ħaddieħor qabel iż-żmien xieraq, intempestivament. Illi gialadarba l-mandat m'għandux jiġi revokat, m'għandu jkun hemm l-ebda penali imposta fuq is-soċjetà esponenti. Illi t-talba magħmula għall-penali hija wkoll frivola u vessatorja gialadarba l-esponenti bl-ebda mod ma aġixxew in mala fede bil-mandat odjern, anzi qegħdin sempliċement jikkawtelaw il-pretensjoni tagħhom. ... In oltre t-talba sabiex titħallas garanzija ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija ukoll eżawrita u sorvolata gialadarba ir-rikorrenti għandhom titolu eżekuttiv kontra l-istess David Mifsud permezz ta' Mandat ta' Sekwestru u li s-sorte jinsab depożitat taħt l-Awtorità tal-Qorti kif jirriżulta miċ-Ċedola.*

**Talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24 a bażi ta' l-Artikolu 836(d) u/jew (f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta:**

Kif iktar 'l fuq osservat, l-ewwel talba avvanzata mis-soċjetà B4 Textiles Company Limited hija għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24 fl-ismijiet "Dala Holdings Limited v. B4 Textiles Company Limited", a bażi ta' l-Artikolu 836(d) u/jew (f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi provvediment tal-Liġi jiddisponi li: *Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: … (d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; … (f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Huwa ormai prinċipju ġuridiku stabbilit illi *fi proċeduri bħal dawn* - ossia proċeduri għar-revoka ta' Mandati Kawtelatorji a bażi ta' l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta - *l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed prima facie u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. L-istħarriġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali ta' l-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv*[7].

Meta t-talba għar-revoka tal-Mandat Kawtelatorju tkun ibbżata - bħall-każ in eżami - fuq l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, *il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat Kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali ta' l-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti*[8]. *… il-liġi tagħti lill-parti eżekutata f'Mandat li titlob ħarsien biex il-jedd tal-kreditur ma jsirx għodda ta' abbuż tal-proċess ġudizzjarju. Illi hija il-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed għat-tnaqqis ta' l-ammont sekwestrat*[9] - **Rikors Nru. 816/13 fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1208/13 fl-ismijiet Rita Agius v. Nutar Joseph Vassallo Agius**, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Settembru 2013.

---

[7] Paul Ħili et v. Dr. Joselle Farruġia noe et, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-23 ta' Ġunju 1994 u Rita Agius v. Nutar Joseph Vassallo Agius, Rikors Nru. 816/13 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Settembru 2013.

[8] Vincent Merċieca v. George Galea, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Novembru 2001.

[9] Fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Salvino Farruġia noe v. Exalco Holdings Ltd., deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru 1999.

Fir-rigward dan l-istess imsemmi artikolu tal-Liġi, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili osservat - fid-deċiżjoni **Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1306/2018 fl-ismijiet Portem Brew and Leisure Ventures Limited v. DAAA Haus Limited** - illi *mhux biżżejjed li prima facie jirriżulta li segħu ġew ikkawżati d-danni għaliex il-leġislatur ma kitibx li jrid li prima facie jirriżulta li s-sekwestrant huwa kreditur tas-sekwestrat għal xi kawżali tkun xi tkun (ex contractu, ex lege jew ex delictu) imma li "l-ammont mitlub" ma jkunx prima facie ġustifikat. Altrimenti, ikun wisq faċli li wieħed ifajjar il-figuri u jipparalizza l-operat ekonomiku tas-sekwestrati mingħajr ma' l-Qrati jkollhom l-opportunità li jissindikaw il-ħruġ tal-mandati kawtelatorji sabiex ma jsirx abbuż minnhom. Min-naħa l-oħra, il-liġi tgħid "prima facie ġusitifikat" - mhux "ippruvat" għaliex l-indaġini li tista' tagħmel il-Qorti fi proċeduri kawtelatorji hija ta' bilfors waħda sommarja. Ammont jista' jiġi ġustifikat prima facie anke b'sempliċi eżerċizzju matematiku.*

Il-każ li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn il-proċeduri jittratta dwar titolu eżekuttiv tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited fil-konfront ta' David Mifsud, persuna konnessa mal-partijiet f'dawn il-proċeduri iżda huwa nnifsu mhux parti fil-proċeduri odjerni. Mill-atti proċesswali jirriżulta li s-soċjetà B4 Textiles Company Limited irrendiet kambjala maħruġa favuriha minn David Mifsud għall-valur ta' **€8,400**, esegwibbli permezz ta' Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. In segwitu l-istess soċjetà ottjeniet fil-konfront ta' David Mifsud Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 505/2024 fl-ismijiet "B4 Textiles Company Limited v. David Mifsud" għas-sorte indikata ta' €8,400, bl-imgħax u l-ispejjeż baqgħu riservati. A bażi ta' informazzjoni ottenuta dwar David Mifsud, is-soċjetà B4 Textiles Company Limited talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni sabiex in-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman tiżdied bħala sekwestratarju fuq l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv. L-imsemmija Nutar - ċertament wara ammont ta' titubanza - iddepożitat taħt l-Awtorità tal-Qorti s-somma ta' €14,806.15 flimkien mas-somma ta' €193.85 bħala spejjeż, komplessivament ammontanti għal €15,000, permezz ta' Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2177/24[10].

Is-soċjetà Dala Holdings Limited tikkontendi li s-somma intiera ta' €15,000 qatt ma kellha tiġi depożitata min-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman għar-raġuni li dawk il-flus ma kienux, f'dak l-istadju, jappartjenu lil David Mifsud u n-Nutar għaddiet għad-depożitu għaliex ġiet mheddha mis-soċjetà B4 Textiles Company Limited. Bħala fatt is-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited għaddew għal proċeduri ġudizzjarji għall-ġbir lura ta' l-imsemmija somma ta' €15,000, l-ewwel permezz ta' Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u in segwitu permezz ta' proċeduri ġudizzjarji istitwiti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet "Dala Holdings Limited et v. B4 Textiles Company Limited", Rik. Nru. 235/2024.

Din il-Qorti f'dawn il-proċeduri ma tistax tidħol fil-kwistjoni dibattuta bejn is-soċjetajiet kontendenti, ossia jekk is-somma ta' €15,000 miżmuma min-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman u minnha insegwitu depożitata taħt l-Awtorità tal-Qorti, kenitx f'dak il-mument tappartjeni lil David Mifsud jew lis-soċjietajiet kompratriċi fuq il-konvenju datat 12 ta' Diċembru 2022, għaliex tkun qed tidħol fil-mertu tal-proċeduri preżentement pendenti bejniethom u possibilment anke tiddeċidih.

[10] Dok. "E" a fol. 50 u 51 tal-proċess.

Madanakollu però tagħraf li s-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited, bħala terzi involuti a loro malgrado fi kwistjoni bejn is-soċjetà B4 Textiles Company Limited u David Mifsud, għandhom dritt jikkontestaw l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 505/2024 fl-ismijiet "B4 Textiles Company Limited v. David Mifsud" a bażi tal-pretensjoni li s-somma depożitata min-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman ma tikkostitwixix flus appartenenti lid-debitur tas-soċjetà B4 Textiles Limited iżda tappartjeni lilhom jew lil min minnhom. Dan id-dritt jirriżulta mill-Artikolu 276 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi: *Ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-esekuzzjoni ta' mandat, ħlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni.* Jekk l-azzjoni kif istitwita minn Dala Holdings Limited u KEG Limited fil-konfront tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited hijiex fl-aħħar mill-aħħar ser tirnexxi, kemm fil-mertu kif ukoll proċeduralment, ma hijiex kwistjoni li din il-Qorti tidħol fiha f'dan l-istadju. L-unika ħaġa li din il-Qorti tista' u għandha tistabilixxi hija jekk is-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited għandhomx bażi ta' pretensjoni - bażi ta' pretensjoni din li fil-fehma tal-Qorti, kif ingħad, tirriżulta mill-Artikolu 276 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Li din il-Qorti trid iżżomm f'moħħha huwa l-prinċipju, del resto già iktar 'l fuq espost, li *fi proċeduri li jsiru ai termini ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata li tagħmel huwa wieħed strettament marbut ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 836 tal-Kap.12 filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża proprja dwar il-mertu ta' bejn il-partijiet. Kif ġie ritenut fil-provvediment finali mogħti fl-ismijiet Joseph Camilleri et v. Anthony Govè et: "mid-dispożizzjoni ta' l-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja. Il-Qorti hija gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament*[11].

Stabbilit li hemm dritt ta' pretensjoni jeħtieġ issa jiġi determinat l-ammont tas-sorte kawtelat bil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24. Kif ingħad in-Nutar Berry Wellman iddepożitat is-somma komplessiva ta' €15,000, somma li del resto prima facie tirriżulta ferm in eċċess tas-sorte koperta bil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 505/24 fl-ismijiet "B4 Textiles Company Limited v. David Mifsud". Is-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited qed jitlobu l-ħlas lura ta' tali somma ta' €15,000 a bażi tal-pretensjoni li dawk il-flus jappartjenu lilhom jew lil min minnhom u mhux lil David Mifsud, u l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24 sar in kawtela tas-sorta ta' €15,000. Minn dan kollu ma jirriżultax, ma l-ewwel daqqa t'għajn, illi l-ammont kawtelat bl-imsemmi Mandat li tiegħu qed tintalab ir-revoka, huwa eċċessiv.

Ikkunsidrat dan kollu u ladarba din il-Qorti hija marbuta bil-prinċipju li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ta' parti ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u s-soċjetatjiet Dala Holdings Limited u KEG Limited għandhom dritt iħarsu l-interessi tagħhom sakemm id-dritt sostantiv tagħhom jiġi determinat b'mod definittiv, ma tistax tqis li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju minnhom ottenut kontra s-soċjetà B4

[11] Alfred Spiteri v. Karen Camilleri, Rikors Nru. 515/2020, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Awwissu 2020.

Textiles Company Limited bin-Numru 1938/24 in kawtela tas-somma ta' €15,000 inħareġ għal ammont eċċessiv. Konsegwentement ma tqisx li hemm lok għar-revoka ta' tali Mandat a bażi ta' l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-soċjetà B4 Textiles Company Limited titlob ir-revoka ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24 anke a bażi ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward ta' dan il-provvediment tal-Liġi ssir referenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Roberto Carlos Calleja v. Gerard Dominic Borg Mizzi, Rik. Nru. 1/2020** pronunċjata fit-12 ta' Frar 2020: *kwantu għas-sottomissjoni tar-rikorrent illi m'huwiex raġonevoli illi l-Mandat de quo jinżamm fis-seħħ jew illi l-att jew parti minnu m'huwiex iktar meħtieġ jew ġustifikabbli, il-Qorti tosserva illi ġie kostantement ritenut mill-qrati tagħna illi l-interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 teħtieġ illi jintwera li tkun tbiddlet xi ċirkostanza wara l-ħruġ tal-Mandat, li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' fis-seħħ in toto jew in parti. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ. Sabiex issir din l-analiżi wieħed irid jistabilixxi jekk mid-data tal-ħruġ tal-Mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat. Issa, il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju huma li l-persuna li titlob il-ħruġ tal-Mandat:- (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu; u (d) li tali Mandat jinġareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabilità tal-persuna li tkun talbitu.*

Meta ċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi, il-Qorti tqis li ma jirriżulta l-ebda tibdil fl-istess ċirkostanzi li seta' seħħ **wara** l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24, a bażi ta' liema l-istess Mandat għandu jiġi revokat.

Il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni nħareġ kontestwalment mal-ħruġ ta' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 2251/2024 hekk kif permissibbli ai termini ta' l-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-unika bidla fiċ-ċirkostanzi li kien hemm minn wara l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24 'l hawn hija l-preżentata da parte tas-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited tal-proċeduri bir-Rikors Nru. 235/2024 fil-konfront tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited, liema proċeduri se mai iktar jimmilitaw favur li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni jibqa' fis-seħħ milli jiġi revokat.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtealtorju bin-Numru 1938/24 fl-ismijiet "Dala Holdings Limited et v. B4 Textiles Company Limited" lanqas ma għandu jiġi revokat a bażi ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Talba għall-iżbank ta' l-ammont depożitat min-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman:**

Għalkemm is-soċjetà B4 Textiles Company Limited titlob li tiġi awtorizzata tiżbanka kwalunkwe ammont li ġie depożitat min-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman, fid-dawl ta' dak appena konkluż fir-rigward tat-talba tagħha għar-revoka tal-Mandat ta'

Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24, huwa evidenti li kwalunkwe talba għall-iżbank f'dan l-istadju għandha tiġi miċħuda.

**Talba għall-imposizzjoni ta' penali ai termini ta' l-Artikolu 836(8)(b) u/jew (ċ) u/jew (d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta:**

Is-soċjetà B4 Textiles Company Limited titlob li l-Qorti timponi fuq is-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited penali ai termini ta' l-Artikolu 836(8)(b) u/jew (ċ) u/jew (d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi provvediment tal-Liġi jiddisponi li: *Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin: … (b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat; (ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapaċità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew; (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Fir-rigward ta' dan il-provvediment tal-Liġi huwa ormai prinċipju assodat illi *dwar il-kwistjoni ta' l-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenut li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-Artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha*[12].

Fir-rigward taċ-ċirkostanzi elenkati mis-soċjetà B4 Textiles Company Limited, ossia l-Artikolu 836(8)(b), (ċ) u (d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Fir-rigward tat-talba li jsemmi is-subparagrafu (b) ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, issir referenza għal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-Digriet għar-**Rikors Nru. 660/12 fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 651/12 fl-ismijiet Carmel Farrugia et v. Charmaine Farrugia pro et noe**, mogħti fit-2 ta' Awwissu 2012: *illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali, u biżżejjed tkun waħda verbali. Biex ma jseħħx l-effett tal-kundanna tal-penali taħt l-*

[12] Rikors Nru. 816/13 fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1208/13 fl-ismijiet Rita Agius v. Nutar Joseph Vassallo Agius, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Settembru 2013.

*Artikolu 836(8)(b) tal-Kap.12, min ikun ħareġ Mandat irid juri: (i) li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ, jew (ii) li fi żmien ħmistax-il jum qabel ma nħareġ kien talab lill-parti li kontriha nħareġ dak l-att biex tħallas jew tagħti garanzija, jew (iii) li kien hemm raġuni ta' urġenza għall-ħruġ ta' l-att kawtelatorju li jkun. Jibqa' dejjem fl-għażla tal-Qorti jekk, minkejja li l-eżekutant jonqos li jissodisfa l-ħtiġijiet hawn fuq imsemmija, tikkundannax lill-istess eżekutant għall-ħlas tal-penali xorta waħda: dan jingħad għaliex kliem l-artikolu 836(8) innifsu huwa imsawwar fuq il-kelma "tista'", liema kelma tagħti marġini ta' diskrezzjoni.*

Fil-każ in eżami s-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited interpellaw lis-soċjetà B4 Textiles Company Limited għall-ħlas tas-somma ta' €15,000 permezz ta' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 2251/24 ippreżentata fis-27 ta' Settembru 2024. Ir-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited ġie ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2024 u ġie akkordat fit-30 ta' Settembru 2024. Huwa evidenti li hawn it-terminu ta' ħmistax ma ġiex osserva **iżda** fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ il-Qorti tqis li ma jkunx ġust li timponi penali fuq is-soċjetà Dala Holdings Limited u KEG Limited.

Wieħed ma jridx jinsa li s-soċjetà B4 Textiles Company Limited ottjeniet id-depożitu tas-somma ta' €15,000 (liema somma jiġi ribadit kienet ferm in eċċess ta' l-ammont kanonizzat fuq l-isemmija soċjetà) taħt l-Awtorità tal-Qorti in esekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv li hija għandha fil-konfront ta' David Mifsud. Una volta li dawn il-flus ġew hekk depożitati biċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2177/24, is-soċjetà B4 Textiles Company Limited setgħet faċilment tgħaddi biex titlob l-iżbank ta' l-ammont lilha dovut, mingħajr il-ħtieġa ta' notifika lil Dala Holdings Limited u KEG Limited in kwantu ma humiex parti fil-kuntest tat-titolu eżekuttiv tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited fil-konfront ta' David Mifsud, u b'hekk il-flus setgħu faċilment u sommarjament jiġu miġbuda a detriment tal-pretensjonijiet tagħhom fir-rigward ta' l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 505/24. Huwa evidenti li ċ-ċirkostanzi partikolarissimi ta' dan il-każ ma kienux jippermettu dewmien u ċertament kienu ta' natura urġenti u kien jirrikjedu l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24 fil-konfront tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited.

B'hekk ma hemmx lok għall-impożizzjoni ta' penali ai termini ta' l-Artikolu 836(8)(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward taċ-ċirkostanza stipulata fis-subparagrafu (ċ) ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, issir referenza għar-**Rikors Nru. 816/13 fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1208/13 fl-ismijiet Rita Agius v. Nutar Joseph Vassallo Agius**, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Settembru 2013, fejn ġie osservat illi *l-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidità tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew.*

Il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li fil-każ in eżami s-soċjetà B4 Textiles Company Limited ma ressqet assolutament l-ebda prova in sostenn tal-pretensjoni tagħha għall-impożizzjoni tal-penali fuq is-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited ai termini ta' l-Artikolu 836(8)(ċ) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fin-nuqqas

ta' tali prova għalhekk il-penali ma tistax tiġi imposta a bażi ta' dan il-provvediment tal-Liġi.

Fir-rigward taċ-ċirkostanza prevista fis-subparagrafu (d) ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi osservat li l-Qorti già waslet għal konklużjoni li fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma hemmx raġunijiet li jiġġustifikaw ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24 maħruġ mis-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited fil-konfront tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited, u l-imsemmija soċjetajiet kellhom raġunijiet tajbin biżżejjed biex jitolbu l-ħruġ ta' tali Mandat. B'hekk ċertament ma jistax jingħad li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni inħareġ b'ħażen jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejqu lis-soċjetà B4 Textiles Company Limited. Il-Qorti del resto trid timxi fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u l-ħażen irid jiġi ppruvat[13], prova li fil-każ in eżami ma saritx.

Għaldaqstant lanqas ma hemm lok għall-imposizzjoni ta' penali fuq is-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited a bażi ta' l-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Talba għall-imposizzjoni ta' garanzija ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta:**

Is-soċjetà B4 Textiles Company Limited titlob ukoll li fl-eventwalità li l-Qorti ma tirrevokax il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24 maħruġ fil-konfront tagħha mis-soċjietajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited, timponi fuq l-istess imsemmija żewġ soċjetajiet garanzija ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmi provvediment tal-Liġi jiddisponi li *l-Qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' l-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax, u fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.*

Fir-rigward ta' dan il-provvediment tal-Liġi u l-applikazzjoni ta' l-istess issir referenza għar-**Rikors Nru. 383/2023 fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Manda ta' Sekwestru bin-Numru 1396/2024 fl-ismijiet Neil Galea Demarco pro et noe et v. S&L Delia Developments Limited et**, degretat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Novembru 2024, fejn il-Qorti osservat illi *fid-Digriet fl-ismijiet Dr Henri Mizzi v. Jebmed Srl*[14]*, din il-Qorti kif diversament presjeduta spejgat: "Il-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli*

[13] Rikors Nru. 816/13 fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1208/13 fl-ismijiet Rita Agius v. Nutar Joseph Vassallo Agius, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Settembru 2013.

[14] Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 964/19 fl-ismijiet: Dr. Henri Mizzi noe vs Jebmed Srl, degretat fit-12 ta' Settembru 2019.

*1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili*[15]*. Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ ta' l-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju u biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha. Ġie ritenut ukoll, fuq l-istess linji, fid-digriet mogħti fl-ismijiet Portem Brew and Leisure Ventures Ltd. v. DAAA Haus Ltd.: Illi l-fatt li inħareġ mandat kawtelatorju kontra l-eżekutata mhux biżżejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt waħdu mhux il-kawża ġusta li trid il-Liġi. Li kieku kien hekk, il-Liġi kienet tgħid li kull min inħareġ mandat kontra tiegħu għandu jingħata garanzija, iżda l-liġi trid ukoll, barra l-ħruġ tal-mandat, li jkun hemm kawża ġusta. Mhux biżżejjed li enevtwalment jista' jirriżulta li l-eżekutant ma jieħux raġun fil-mertu. Irid ikun hemm abbuż mill-proċedura ġudizzjara, li jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li x'aktarx jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha. "Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbiltà għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permissibbli mil-liġi".*

Fil-każ in eżami s-soċjetà B4 Textiles Company Limited ma ressqitx "kawża ġusta" **u** prova tad-danni minnha subiti minħabba l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1938/24, fuq liema tista' tissosstanzja t-talba tagħha għall-imposizzjoni ta' garanzija ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jiġi ribadit li għalkemm is-soċjetà B4 Textiles Company Limited għandha titolu eżekuttiv fil-konfront ta' David Mifsud u a bażi ta' tali titolu ottjeniet - b'ċertu ammont ta' retiċenza da parte tan-Nutar Rebecca Janelle Berry Wellman - id-depożitu tas-somma ta' €15,000 - li kif ingħad hija ferm in eċċess mis-sorte kopert bil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv minnha ottenut kontra David Mifsud - is-soċjetajiet Dala Holdings Limited u KEG Limited għandhom ai termini tal-Liġi il-possibilità jikkontestaw l-esekuzzjoni ta' dak it-titolu fuq is-somma ta' €15,000 li kienet miżmuma min-Nutar Berry Wellman u jitolbu r-refużjoni ta' l-istess - refużjoni mitluba kemm b'Ittra Uffiċjali u in segwitu b'kawża ċivili. Jekk finalment l-imsemmija soċjetajiet humiex ser jirnexxu fil-mertu u/jew proċeduralment fil-proċeduri minnhom istitwiti fil-konfront tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited hija kwistjoni li din il-Qorti ma tidħolx fiha u lanqas hija kwistjoni li għandha tiġi kkunsidrata bħala kawża ġusta potenzjali għall-fini ta' l-imposizzjoni ta' garanzija fuq Dala Holdings Limited u KEG Limited.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited għall-imposizzjoni ta' garanzija fuq Dala Holdings Limited u KEG Limited ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma hijiex ġustifikata u bħala tali ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

---

[15] Artikolu 1031 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta - Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Artikolu 1032 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta - (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta li t-talbiet avvnazati mis-soċjetà B4 Textiles Company Limited bir-Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2024 ma humiex ġustifikati u ma jistħoqqx li jiġu milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talbiet kollha avvanzati mis-soċjetà B4 Textiles Company Limited fir-Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2024.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu a karigu tas-soċjetà B4 Textiles Company Limited.

**Mogħti llum 17 ta' Diċembru 2024**

**MAĠISTRAT**